**Muniti Numiżmatiċi**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta wettaq ħaġa ġdida fl-istorja lokali meta f'Novembru ta' l-1972 hu kien ħareġ l-ewwel sett ta' muniti tad-Deheb u tal-Fidda. Dan kien sar bi sħab ma' l-Ordni Militari Sovran ta' Malta f'Ruma, li miegħu kien intlaħaq ftehim f'Mejju ta' l-1972. L-għan ta' dan il-ftehim kien li jinħareġ kull sena sett tad-Deheb u tal-Fidda b'temi mibnijin fuq xi bini nazzjonali, fuq xi bniedem Malti magħruf, fuq xi statwa, fuq il-flora jew il-fawna, u fuq xi oġġett folkloristiku. Skond dan il-ftehim, li kien jgħodd għal erba' snin, l-Ordni kien ingħata l-jeddijiet esklużivi tal-bejgħ ta' dawn il-muniti tad-deheb u tal-fidda kif ukoll tas-settijiet il-ġodda deċimali maħruġin bħala tifkira. L-Ordni ntrabat ukoll li jaħdem il-muniti tad-deheb u tal-fidda fiz-Zekka tiegħu f'Ruma fl-ewwel sena tal-ftehim, li jħarreġ ħaddiema Maltin fis-sengħa ta' ħdim il-muniti, u li jipprovdi lill-Bank żewġ magni ġodda ta' ħdim il-muniti sabiex jitqiegħdu ġoz-zekka li kellha tinfetaħ f'Malta. Iz-Zekka ta' Malta imbagħad infetħet f'Diċembru ta' l-1973.

Wara l-iffirmar tal-Ftehim, l-Ordni fetaħ ċentru tat-tqassim tal-muniti ġol-bini tal-Bank, sabiex dan jieħu ħsieb il-bejgħ tal-muniti.

Taħt il-Ftehim ta' l-1972 kienu nħarġu ħames settijiet, kollha tas-sura "Leqqiena-Mhux Ċirkulata". Dawn is-settijiet kienu nħadmu kollha f'Malta ħlief l-ewwel wieħed, li kien inħadem fiz-Zekka ta' l-Ordni f'Ruma taħt il-kontroll u s-superviżjoni ta' l-uffiċċjali tal-Bank. L-ewwel sett, maħruġ fl-1972, kien magħmul minn erba' muniti tad-Deheb tad-denominazzjonijiet tal-Lm5, Lm10, Lm20 u Lm50 u minn żewġ denominazzjonijiet tal-fidda tal-Lm1 u tal-Lm2. Is-sett ta' l-1973 kellu l-istess denominazzjonijiet tas-sett tas-sena ta' qabel, minbarra l-munita tal-Lm5 tad-Deheb, li ma ħarġitx. Is-sett ta' l-1974 kien sewwa sew bħas-sett tas-sena ta' qabel fejn kienu jidħlu d-denominazzjonijiet tad-Deheb, iżda fejn jidħlu tal-fidda, did-darba dawn kienu tal-Lm2 u ta' l-Lm4. Dawn l-istess denominazzjonijiet intużaw ukoll għas-settijiet ta' l-1975 u ta' l-1976. Is-sett ta' l-1975 kien inħareġ f'żewġ verżjonijiet, waħda bin-naħa tal-wiċċ turi l-Arma offiċċjali ta' Malta li kienet tnediet meta Malta kienet kisbet l-Indipendenza fl-1964, filwaqt li l-oħra kienet turi l-arma l-ġdida ta' Malta li kienet tnediet fl-1975 wara d-dikjarazzjoni tar-Repubblika fit-13 ta' Diċembru 1974.

Ma' għeluq il-Ftehim f'Settembru ta' l-1976, il-ħidma bi sħab bejn il-Bank u l-Ordni waslet fi tmiemha. U b'hekk, iċ-Ċentru tat-Tqassim il-Muniti ta' Malta beda jitmexxa għal kollox mill-Bank Ċentrali ta' Malta.

Is-sitt sett ma kienx bħall-ħamsa ta' qablu, għaliex kien magħmul minn tliet muniti tad-Deheb, tad-denominazzjonijiet Lm25, Lm50 u Lm100, u minn tliet muniti tal-Fidda tal-Lm1, tal-Lm2 u tal-Lm5. Id-denominazzjonijiet tad-Deheb ta' dan is-sett kienu ogħla minħabba ż-żieda fil-prezz tad-deheb. Dan is-sett, li tnieda fl-1978, inħareġ f'żewġ verżjonijiet, fil-verżjoni "Proof", jiġifieri aktar leqqiena u mirquma (maħduma miz-Zekka ta' Birmingham, fir-Renju Unit), u l-verżjoni "Leqqiena-Mhux Ċirkulata" (maħduma f'Malta). Spink & Son Ltd. ingħataw il-jedd li l-verżjoni "Proof" ibigħuha huma fid-dinja kollha, u l-jedd li l-verżjoni "Leqqiena-Mhux Ċirkulata" ibigħuha huma biss barra minn Malta.

Minbarra dawn il-ħarġiet tad-deheb u tal-fidda, il-Bank għadu joħroġ sal-lum bosta muniti oħrajn ta' interess numiżmatiku li jfakkru nies u ġrajjiet magħrufin.